MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Talba Numru. 722/2006

**Jane Camilleri**
**(ID 99959M)**

**Vs**

**Bieb Bieb Enterprises Limited (C 25882)**

**It-Tribunal**,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta` Lulju, 2006 fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta` mitejn lira (Lm200) rapprezentanti ammont li kien imwieghed lill-attrici fuq xoghol ta` disinn artistiku li ghamlet barra l-hinijiet tax-xoghol taghha (izda mhux fuq bazi overtime) waqt li kienet impjegata mas-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta` ittra nterpellatorja datata 1 ta` Gunju, 2006 (Dok A) u bl-imghax legali sa l-hlas effettiv

kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-24 ta` Ottubru, 2006 fejn gew kontestati t-talbiet attrici in vista tal-fatt li l-illustrazzjonijiet in kwistjoni saru waqt il-hin tax-xoghol meta l-attrici kienet fl-impjieg maghhom. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` it-trattazzjoni orali tal-abbli difensur tal-attrici.

Ikkunsidra.

Illi l-attrici ghamlet sena tahdem mas-socjeta` konvenuta fuq bazi full time bhala assistant graphic designer. Hija tallega li fis-Sajf tas-sena 2005 u precizament f'Awissu meta l-ufficcju jkun bix-shutdown, hija kienet giet mitluba biex tiddisinja artwork ossia illustrazzjonijiet ghal xi ktieb li kien ser jinhareg mis-socjeta` konvenuta. Hija bdiet dan ix-xoghol fix-shutdown ta` Awissu u komplietu sakemm lestietu wara l-hinijiet tax-xoghol f'Settembru. Ghal dan ix-xoghol hija kienet giet imwieghdha Lm200 li qed titlob f'din il-kawza. Tallega li lestietu madwar tliet gimghat qabel ma kellha tibda` l-book fair. L-artwork baqa` ma ntuzax, il-ktieb baqa` ma harigx u l-attrici baqghet ma thalsitx. Tghid li talbithom dawn il-Lm200 biss meta keccewha f'April tas-sena 2006 u dana peress li kienet misthija. Hija tghid li dan l-artwork kien jinsab kemm fuq il-computer tas-socjeta` u kif ukoll fuq id-drawing book taghha. Ix-xhieda Maria Dolores Camilleri, omm l-attrici, Francesca Vincenti l-habiba taghha u Connie Schembri ohtha, lkoll jikkonfermaw li l-attrici kienet qieghdha tahdem fuq xi disinji f'Awissu 2005 waqt ix-shutdown.

Nathalie Portelli, Managing director tas-socjeta` konvenuta tikkonferma li d-drawings in kwistjoni kellhom jintuzaw ghal xi ktieb li kien ser jigi ntrodott fil-book fair. Dawn l-istess drawings baqghu ma ntuzawx u ma jinstabux fil-pussess tas-socjeta` konvenuta. Kellhom ikunu drawings personali tal-attrici u mhux illustrazzjonijiet

skenjati minn magazines ohra. Tghid pero` li x-xoghol sar f'Settembru u mhux fix-shutdown u dana fuq computers tal-konvenut. Tallega li ma jistax ikun li hadmet fuqhom waqt ix-shutdown peress illi fl-ewwel lok tghid li kellha ddur b'ommha li wegghet u fit-tieni lok ma ghandhiex computer adattat id-dar biex taghmel xoghol simili. Tghid ukoll li d-drawings tlestew tard cioe` sahansitra wara li kien gia` beda l-book fair ta` Novembru u kien f'dan iz-zmien li l-attrici bdiet tippretendi l-Lm200 bhala drittijiet ta` l-awtur.

Mark Vella li jahdem ta` graphic designer mas-socjeta` konvenuta jinsisti li x-xoghol in kwistjoni sar mill-attrici minn Settembru 'l quddiem peress li din kienet tahdem ma` genbu u cioe` waqt il-hin tal-impjieg taghha. Skond it-time sheets ezebiti dan sar bejn l-14 ta` Settembru, 2005 sas-16 ta` Novembru, 2005. Il-ktieb baqa` ma harigx peress u drawings ma ntuzawx peress li dawn baqghu ghand l-istess attrici anzi hadithom maghha. Huwa jghid li dan ix-xoghol l-ewwel kien qed jigi mpingi fuq karti A4 u wara li jitlestew jigu skenjati ghal fuq il-computer halli jigu mbaghad integrati fuq il-ktieb. Sa fejn jaf hu dawn id-drawings baqghu qatt ma gew skenjati ghal fuq il-computers tas-socjeta` konvenuta u fil-fatt ma jinstabux fuq l-istess computers. Jikkonferma dan ix-xhud fuq domanda tat-Tribunal li l-attrici ma thalset xejn ghajr il-paga ghal dan ix-xoghol. Jaqbel li x-xoghol tlesta qabel il-book fair pero` baqghu ma ntuzawx peress li l-attrici kienet hadet id-drawings maghha d-dar. Jiftakar ukoll li l-attrici kienet qed tippretendi li tithallas Lm200 bhala drittijiet tal-awtur ghal dan ix-xoghol.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-maggor parti tax-xoghol in kwistjoni gie ezegwit mill-attrici waqt il-hin tax-xoghol taghha ghalkemm setghet bdiet tahdem xi haga fuqu f'Awissu waqt ix-shutdown. Jemmen ukoll pero` li x-xoghol tlesta fil-hin qabel il-book fair. Jemmen ukoll pero` li l-attrici bdiet tippretendi xi kumpens bhala dritt tal-awtur waqt il-kors ta` l-ezekuzzjoni ta` l-istess xogholijiet u mhux il-ghaliex kien hemm xi ftehim mill-bidu mas-socjeta` konvenuta dwar dan. Illi fil-fatt meta l-ktieb spicca ma giex ippubblikat bix-xogholijiet taghha, hija zammithom

ghandha nonostante li baqghet tahdem mas-socjeta` konvenuta ghal hames xhur ta` wara u d-disinji in kwistjoni qatt ma ghaddew ghand is-socjeta` konvenuta sal-gurnata ta` llum – anqas ma gew depozitati taht l-Awtorita` tal-Qorti. Inoltre jigi osservat ukoll li hija bdiet tippretendi hlas b'mod insistenti bi dritt biss wara li kien gie tterminat l-impjieg taghha. L-iskuza li gabet l-attrici peress li hi misthija ma hiex kredibbli.

Ghal dawn il-mottivi it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta kwindi jichad it-talbiet attrici pero` fic-cirkostanzi jidhirlu li huwa ekwu u gust li l-ispejjes ta` din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------